MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1465/2002

**“A”**

**vs**

**“B”, u b’nota tat-23 ta’ Jannar 2003 Dr José Herrera assuma l-atti tal-kawza ghan-nom ta’ “B” *stante* li hija assenti minn dawn il-gzejjer;**
**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku;**
**Dr. José A. Herrera li b’ digriet tal-15 ta’ Jannar 2003 gie nominat bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-minuri “C”**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 24 ta’ Dicembru 2002 (a fol.1 tal-process) fejn gie premess:-

Illi bejn l-ahhar ta’ Lulju u l-bidu ta’ Awissu tas-sena 2002, il-konvenuta **“B”**, mart l-attur minnu separata *de facto*, wildet tifel adulterin, illi jidher illi nghata l-isem ta’ **“C”**;

Illi l-imsemmi tifel minuri huwa, *ai termini* ta’ l-**artikoli 67** u **68 tal-Kodici Civili**, prezunt bhala wild l-attur;

Illi l-imsemmija **“B”** u l-attur ilhom zmien separti *de facto*, u sahansitra l-istess konvenuta telqet minn Malta f’Awissu 2001 lejn l-Italja, fejn effittivament jidher illi twieled il-minuri **“C”**, u ma regghetx giet lura hlief f’ dawn l-ahhar granet;

Illi minn ricerki maghmula mill-konsulent legali ta’ l-attur, jirrizulta illi anke skond il-Ligi Taljana, illi hija identika ghall-pozizzjoni legali Maltija f’ dan ir-rigward, u senjatament *ai termini* ta’ l-**artikolu 231 tal-Kodici Civili Taljan**, tezisti l-prezunzjoni legali *iuris tantum* illi l-minuri **“C”** huwa l-iben legittimu ta’ l-attur, *stante* illi twieled matul l-ezistenza legali taz-zwieg bejn l-istess attur u l-konvenuta **“B”**;

Illi madanakollu, minhabba illi l-konvenuta **“B”** telqet minn Malta kif gia’ nghad, l-attur u l-istess konvenuta kienu fl-impossibilita’ fizika u effettivament ma kellhomx relazzjonijiet intimi bejniethom fiz-zmien li gie koncepit il-minuri **“C”**, u senjatament fil-perijodu bejn it-tlett mitt (300) jum u l-mija u tmenin (180) jum qabel it-twelid ta’ l-imsemmija tarbija;

Illi l-konvenuta **“B”** hbiet it-twelid tat-tarbija **“C”** mill-attur;

Illi l-imsemmi minuri **“C”** mhux il-wild ta’ l-attur izda huwa effettivament il-frott ta’ relazzjoni adulterina tal-konvenuta **“B”** ma’ persuna illi jidher li jisimha **“D”**;

Illi ghalkemm jidher illi l-minuri **“C”** gie registrat l-Italja stess, *ai termini* ta’ l-**artikolu 244 tal-Kodici Civili**, l-Att tat-Twelid relattiv jista’ wkoll jigi registrat hawn Malta mill-konvenut Diretur tar-Registru Pubbliku, bil-konsegwenzi kollha legali illi dan jista’ jkollu;

Illi l-attur ghandu kull interess illi jirribatti l-prezunzjoni legali illi l-imsemmi minuri **“C”** huwa ibnu;

Illi, l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Previa l-ordni ghal testijiet medici u xjentifici sabiex tigi stabbilita’ indubbjament il-paternita’ tal-minuri **“C”**, tiddikjara illi l-attur mhux missier il-minuri **“C”**, iben il-konvenuta **“B”**;

2. Tipprekludi u tipprojbixxi lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku milli jirregistra lill-minuri **“C”** bhala wild l-attur f’ kull Att ta’ Stat Civili illi l-istess konvenut jista’ jigi mitlub illi jirregistra skond il-Ligi;

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni li qed jigi prezentat kontestwalment ma’ dan l-Att kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat in-nota ta’ Dr. José A. Herrera LL.D. datata 23 ta’ Jannar 2003, a fol. 4a, li permezz taghha assuma l-atti ghan-nom ta’ **“B”**.

Rat ir-rikors tal-attur datat 24 ta’ Dicembru 2002, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti biex tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil minuri **“C”** fl-atti tac-citazzjoni u fl-atti kollha relattivi.

Rat id-digriet tat-26 ta’ Dicembru 2002 fejn il-Qorti ordnat il-hrug tas-soliti bandi.

Rat id-digriet tal-15 ta’ Jannar 2003 fejn il-Qorti konfermat lil Dr. José Herrera bhala kuratur ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern skond il-ligi datata 10 ta’ Jannar 2003.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fid-29 ta' Jannar 2003, fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attur sittin (60) gurnata sabiex jipprezenta l-provi kollha li jista' permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dr. José Herrera LL.D. bhala prokuratur ta' l-assenti **"B"** u bhala kuratur tal-minuri **"C"**, datata 21 ta' Frar 2003, a fol. 32, fejn espona bir-rispett:-

1. Illi l-kawza odjerna fl-ismijiet fuq premessi, hija intempestiva u frivola, u dana *stante* illi l-minuri in kwistjoni gia' ghandu l-kunjom "D", liema kunjom jappartjeni ghall-missier naturali, *cioe'* **"D"**, u ghalhekk il-konvenuta m' ghandhiex tbati spejjez ta' din il-kawza;

2. Illi in effetti minkejja l-prezunzjoni *iuris tantum* li tarbija li titwieled fiz-zwieg hija l-wild legittimu tar-ragel, sew il-ligi nostrali kif ukoll dik Taljana, jghatu rimedju lil min jixtieq jirregistra minuri li jkun twieled lill-mara mizzewga, imma li ma huwiex l-iben legittimu tar-ragel taghha;

3. Illi l-**artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, ccitat mill-esponeti, ma japplikax ghall-minuri in kwistjoni, u dana peress illi huwa ta' cittadinanza Taljana;

4. Illi *in oltre* ghandu jigi rilevat illi c-certifikat tat-twelid Taljan jinkorpora fih isem il-missier, u ghaldaqstant peress illi ghandu **"D"** huwa evidenti illi l-minuri in kwistjoni huwa registrat bhala iben **"D"**;

5. Illi l-konvenuta m' ghandhiex tbati spejjez tal-mandat ta' inibizzjoni *stante* li dan gie michud;

6. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr. José Herrera LL.D. bhala prokuratur ta' l-assetni **"B"**, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti minn fol. 34 sa fol. 36.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 11 ta’ Marzu 2003, a fol. 46, li permezz taghha espona bir-rispett:-

1. Illi fir-rigward ta’ l-ewwel talba, l-esponent mhux il-legittimu kontraditur *stante* illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluzi dawk il-provi xjentici li jkunu opportuni, ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi t-tieni talba fil-konfront ta’ l-esponent ma tistax tigi accettata jekk ma tigix accettata wkoll l-ewwel talba fil-konfront tal-konvenuti l-ohra;

3. Illi l-intavolar ta’ din il-kawza m’ huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-esponent li ghaldaqstant m’ ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti;

4. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda a fol. 47 u fol. 48.

Rat il-verbal datat 28 ta’ Mejju 2003, fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' 50 gurnata kull wiehed. Dr Roma D'Alessandro irrilevat li t-tarbija ma twildetx Malta, ma gietx registrata f'Malta u ghalhekk irrilevat li tali talbiet ma jistghux jigu milqugha. Dr. Rachel Loporto Montebello talbet zmien sabiex tirregola ruhha dwar l-istess. Il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr Vincent Galea u ordnatlu biex wara tali terminu jzomm zewg seduti fil-mori ta' dan id-differiment ghall-provi kollha tal-partijiet, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura tal-affidavit, u l-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea mizmuma fit-23 ta’ Settembru 2003.

Rat l-affidavit tal-attur **“A”** minn fol. 45 sa fol. 47.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea fis-16 ta' Ottubru 2003.

Rat in-nota tal-konvenuta **"B"** u **"D"**, prezentata fis-16 ta' Ottubru 2003, a fol. 60, li permezz taghha prezentat ic-certifikat tat-twelid tal-minuri.

Rat il-verbal datat 23 ta' Ottubru 2003.

Rat il-verbal datat 29 ta' Jannar 2004, fejn il-Qorti nnotat li l-Assistent Gudizzjarju kien ghadu ma rritornax il-process u ordnatlu li jaghmel dan minnufih. Dr Rachel Loporto Montebello pprezentat nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti ppreffiggiet terminu ta' tlettin gurnata (30) gurnata lill-konvenuti biex jipprezentaw in-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontroparti.

Rat in-nota tad-Direttur Registru Pubbliku, datata 27 ta' Frar 2004, a fol. 68.

Rat il-verbal datat 1 ta' Gunju 2004 fejn l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea nforma lill-Qorti li l-provi kienu konkluzi u kellu jirritorna l-process.

Rat il-verbal datat 11 ta' Novembru 2004, fejn il-kawza giet differita minhabba indispozizzjoni ta' din il-Qorti kif attwalment presjeduta.

Rat il-verbal datat 26 ta' April 2005, fejn Dr Shaheryar Ghaznavi ghall-konvenuti li talab li jaghmel nota t'osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghat it-talba u pprefiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-konvenuti biex jipprezentaw n-nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti.

Rat il-verbal datat 5 ta' Ottubru 2005, fejn id-difensuri qablu li l-minuri jghix l-Italja. Id-difensuri qablu wkoll li l-minuri **"C"** huwa l-wild ta' **"D"** u **"B"**. Id-difensuri trattaw il-kaz. Dr. Ghaznavi ddikjara li ma kienx hemm bzonn ta' nota ta' osservazzjonijiet u rrimetta ruhu ghall-atti. Il-kawza giet differita ghat-28 ta' Frar 2006 ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attur hija wahda ta' *denegata paternita'* u hija minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex jigi attakkat l-istat ta' legittimita' *o meno* ta' l-ulied. Fil-fatt it-tlett azzjonijiet huma s-segwenti u cjoe':-

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**sub-artikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni nghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952):-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi;*

*It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil*

*persuni ohra nteressati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilta' fizika ta' koabitazzjoni tal-prezenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza;*

*Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilta' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu".*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. (A. J. M.) 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu l-possibilta' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita' l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilta' li jghammar ma'  martu minhabba li kien 'il boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni imsemmija ta' mpunjazjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu nteress, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke' kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni abbazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-

minuri jkun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond **l-artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa jkun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (P.A.(RCP) 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid **jew** tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** mal-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibilta'

fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **“Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku”** (P.A. (RCP) 13 ta’ Jannar 1999) fejn inghad b’referenza ghall-fatti f’dik il-kawza li *“Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta’ ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta’ stat ta’ iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur”.*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta’ wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta’ twelid, **hadd** ma jista’ jattakka dan l-istat a bazi tal-**artikolu 77** anke’ jekk tigi ppruvata l-impossibilta’ fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie wkoll konfermat fis-sentenzi **“Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri”** (Vol.XXXII.ii.309) u **“Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et”** (P.A. (RCP) 18 ta’ Jannar 2000) fejn inghad li:-

*“Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta’ att ta’ twelid **jew** ta’ pussess ta’ stat (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista’ issir b’xhieda ohra li tista’ tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta’ stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli”.*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi **“Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella”** (P.A. (RCP) deciza fl-1 ta’ Marzu 2001 Cit. Nru: 1841/98/RCP); **“Carmel Grima et vs Carmelo Borg et”** deciza fil-5 ta’ Lulju 2001 Cit. Nru. 190/97/RCP, **“Anthony Sant vs John Cutajar et”** (P.A. (RCP) 10 ta’ Novembru 1999); **“Carmel Grima et vs Carmelo Borg et”** (P.A. (RCP) deciza fil-5 ta’ Lulju 2001 Cit. Nru: 190/97/RCP); **“Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`”** (P.A. (RCP)

deciza fl-14 ta’ April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP) u ohrajn.

Illi ghal dik li hija l-kawza odjerna ma hemm l-ebda dubju li din l-azzjoni, kif *di piu’* ndikata fic-citazzjoni attrici giet istitwita skond il-parametri tal-**artikolu 70 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,** li jiddisponi li:-

*“Ir-ragel jista’ jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg:-*

*(a) jekk jipprova li, fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibilta’ fizika li jghammar ma’ martu minhabba li kien ‘il boghod minnha, jew minhabba xi accident iehor; jew*

*(b) jekk, fiz-zmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu:*

*Izda ma jistax jichad lit-tifel jekk matul iz-zwieg ikun rega’ nghaqad ma’ martu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*(c) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi kien milqut b’impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet wahda fit-tnissil; jew*

*(d) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn jekk jipprova xi fatt iehor (li jista’ jkun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x’aktarx jeskludu dik il-paternita’”.*

Illi kif inghad din hija kawza ta’ denegata paternita’ u dan fis-sens li l-istess attur qed jitlob dikjarazzjoni li l-minuri **“C”** li huwa l-wild naturali ta’ martu l-konvenuta **“B”** ma huwiex il-wild tieghu bid-differenza li l-istess attur qed jitlob li l-istess minuri, li twieled l-Italja ma’ ghandux jigi registrat bhala ibnu fir-registru pubbliku hawn Malta.

Illi jirrizulta b’mod car mill-provi prodotti li l-allegazzjoni tal-attur li huwa ma huwiex il-missier naturali tal-minuri **“C”** hija wahda fondata. Fil-fatt hadd mill-partijiet ma’ huwa

qed jikkontesta l-fatti, anzi jirrizulta li attwalment l-minuri li twieled l-Italja huwa diga' registrat f'dak il-pajjiz bhala iben l-konvenuta **"B"** u certu **"D"**, u fil-fatt hemm dikjarazzoni ufficjali fil-Comune ta' Ruma, maghmula mill-omm datata 6 ta' Ottubru 2003 u mill-missier **"D"** datata 2 ta' Ottbru 2003 kollox esebit bhala Dok. "RC 1" u Dok. "CB1" tal-process fejn il-genituri ta' l-istess minuri, rrikonoxxew li l-istess minuri kien frott relazzjoni taghhom u dan l-istess tifel taghhom twieled l-Italja fil-31 ta' Lulju 2002, kollox kif jirrizulta a fol. 61 u 62 tal-process. Jista' jinghad ghalhekk li fil-verita' tali stat ta' fatt ukoll gie ammess mill-konvenuta assenti **"B"** u r-ragel li tghix mieghu u li hu l-missier naturali tal-minuri cioe' **"D"** anke permezz tad-dikjarazzjoni taghhom hemm maghmula skond il-Ligi Taljana .

Illi fil-qosor mill-provi rrizulta li l-attur u l-konvenuta assenti zzewgu fis-16 ta' Mejju 1988 u sseparaw *de facto* f'Gunju 2001 meta l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali. Kif ammess mill-istess konvenuta u kif jirrizulta mill-passaport taghha (Dok "RC 2" a fol.63 tal-process), il-konvenuta telqet minn Malta permanentement fit-3 ta' Awissu 2001. Dan jinsab ukoll ikkonfermat mid-dikjarazzjoni taghha fuq imsemmija datata 6 ta' Ottubru 2003 u esebita bhala Dok. "RC 1" a fol. 62 tal-process. Hija marret tghix l-Italja flimkien ma' **"D"** li huwa ta' nazzjonalita' Taljana. Il-konvenuta u dan "D" iddikjaraw kemm fin-nota ta' l-eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni, kif ukoll fl-affidavits taghhom li huma kellhom wild li huwa l-minuri **"C"** li twieled fil-31 ta' Lulju 2002. Fl-affidavit taghha (a fol.62 tal-process) il-konvenuta ddikjarat li mit-3 ta' Awissu 2001 hija qatt ma kellha l-ebda kuntatt mal-attur u qatt ma' kellha jew setgha kellha ebda relazzjoni ma' l-attur anke peress li kienu qed jghixu f'pajjiz differenti, l-attur hawn Malta u hija l-Italja. Tghid ukoll li l-unika relazzjoni li kellha kienet biss ma' l-imsemmi **"D"** u li ma kienet qed tippretendi ebda alimenti ghall-istess minuri minghand l-attur, tant li tghid li qatt ma' kellha l-minimu ta' kuntatt ma' l-attur almenu mit-3 ta' Awissu 2001.

Illi dwar din l-ewwel talba l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku rrimetta ruhu ghall-provi *stante* li mhux edott mill-

fatti. Il-konvenuta *tramite* l-avukat u r-rappresentant taghha Dr. José Herrera ssottomettiet li skond ic-certifikat tat-twelid stess tal-minuri, li kopja tieghu tinsab esebita ma' l-eccezzjonijiet ta' l-istess konvenuta hekk rappresentata, jirrizulta li fil-fatt hemm indikat li l-imsemmi **"C"** huwa registat fl-att tat-twelid tieghu Ruma bhala li twieled fit-31 ta' Lulju 2002 u dan bil-kunjom ta' missieru **"D"** u mhux bil-kunjom ta' l-attur u dan kif jirrizulta minn Dok. "C" a fol. 43 tal-process.

Illi m'hemm l-ebda dubju ghalhekk li l-minuri **"C"** mhux il-wild ta' l-attur minhabba li l-attur kien fl-impossibilita' fizika li jkollu relazzjonijiet intimi mal-konvenuta fil-perjodu bejn it-tlett mitt (300) jum u l-mija u tmenin (180) jum qabel it-twelid tal-minuri. Gie ppruvat li huma kienu qed ighixu *de facto* separati minn xulxin u qatt ma saret rikonciljazzjoni. Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi ta' l-**artikolu 70 (1) (a) (b)** u anke skond id-disposizzjoni ta' l-**artikolu 70 (1) (d).**

Illi *inoltre'* jirrizulta illi l-proceduri odjerni gew prezentati fit-terminu ta' sitt xhur kif previst mill-**artikolu 73 (a) tal-Kodici Civili.** Infatti l-minuri twieled fil-31 ta' Lulju 2002 u c-citazzjoni odjerna giet prezentata fl-24 ta' Dicembru 2002.

Illi konsegwentement l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha fis-sens li tiddikjara li l-minuri **"C"** mhux iben l-attur **"A"** izda iben **"B"** u **"D"**.

Illi fit-tieni talba tieghu l-attur qed jitlob li din il-Qorti tipprekludi u tipprojbixxi lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku milli jirregistra lill-minuri **"C"** bhala wild l-attur f'kull att ta' stat civili illi l-istess konvenut jista' jigi mitlub illi jirregistra skond il-ligi.

Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa li din it-tieni talba ma tistax tigi accettata jekk ma tigix accettata wkoll l-ewwel talba fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.

Illi fin-nota responsiva tieghu d-Direttur tar-Registru Pubbliku sostna li huwa jirregistra t-tarbija *de quo* meta ssir talba *ad hoc* skond kif jiddettaw il-presunzjonijiet tal-ligi u jew id-decizjoni tal-Qrati skond l-istess.

Illi *stante* li rrizulta li l-minuri m'huwiex il-wild naturali ta' l-attur din il-Qorti tilqa' wkoll it-tieni talba attrici u b'hekk tipprekludi u tipprojbixxi lill-konvenut Direttur Registru Pubbliku milli jirregistra lill-minuri **"C"** bhala wild l-attur f'kull att ta' stat civili u dan proprju minhabba din id-decizjoni odjerna li stabiliet b'mod car li l-istess minuri ma' huwiex wild naturali ta' l-attur izda li l-istess minuri huwa l-wild naturali tal-konvenuta **"B"** u **"D"**, u din il-Qorti thoss li l-attur ghandu interess f'din it-talba minhabba l-presunjoni li kienet inholqot favurih minhabba l-**artikoli 67 u 68 tal-Kap 16,** u tali prezunjoni hija dik identika bhala ligi Taljana skond id-disposizzjoni relattivi ta' l-**artikolu 231 tal-Kodici Civili Taljan.**

Illi din in-necessita' u l-interess ta' l-attur f'din il-kawza jinsab accentwat mill-fatt li mid-Dok. "AB 2" datat 10 ta' Settembru 2002 gie indikat li l-istess minuri huwa iben **"D"** u *"B"* li huwa l-kunjom ta' xebba ta' l-istess konvenuta u f'dan l-istadju huwa almenu dubjuz jekk dan setghax issir peress li l-konvenuta kienet ghada mara mizzewga u kienet ghada tezisti l-presunzjoni favur l-attur bhala missier abbazi ta' dak kontenut fl-**artikolu 67 tal-Kap 16** u l-**artikolu 231 tal-Kodici Taljan** fejn hemm presunzjoni li wild ta' mara mizzewga huwa prezunt li huwa tar-ragel taghha. Illi kieku ma kienx ghal din il-kawza kieku l-ligi jidher li giet kontrollata abbazi ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 280 (1) tal-Kap 16** fejn hemm indikat li *"jekk it-tarbija titwieled minn mara mizzewga, isem zewgha ghandu jitnizzel fl-att bhala dak tal-missier, ghad li jkun hemm hemm dikjarazzjoni kontrarja, bla hsara ta' kull korrezzjoni li tista' ssir 'il quddiem wara sentenza fuq il-filjazzjoni tat-tarbija"* Jidher li dan kollu huwa wkoll applikabbli ghaliex is-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu ma' japplikax ghall-kaz in ezami. Il-htiega ta' l-azzjoni ta' denegata paternita' tohrog anke mid-disposizzjoni ta' l-**artikolu 70 u 73 tal-Kap 16.**

Illi f'dan is-sens l-istess **artikolu 244 tal-Kap 16** huwa applikabbli ghall-kaz odjern peress li *se mai* jekk ser titbiddel ic-cittadinanza tal-minuri, din ser tinbidel, jekk ser tinbidel konsegwenza biss tal-fatt li l-attur f'din il-kawza ser jigi kkonfermat bhala li ma' huwiex il-missier ta' l-istess minuri imsemmi fic-citazzjoni attrici u ghalhekk minhabba biss dak li gie mitlub fic-citazzjoni attrici skond il-Ligi Maltija. Dan jidher li japplika iktar u iktar meta jqies li jirrizulta li minhabba dak provdut fl-**artikolu 5 (2) (b) tal-Kap 188 l-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija** tali minuri tista' u ghandha tigi kkunsidrata bhala cittadina Maltija ghaliex imwielda minn omm li ghandha cittadinanza Maltija.

Illi Dr José Herrera bhala prokuratur ta' l-assenti **"B"** u bhala kuratur tal-minuri **"C"** eccepixxa li l-kawza odjerna hija intempestiva u frivola *stante* li l-minuri gia' ghandu l-kunjom **"D"** u ghalhekk il-konvenuta m'ghandhiex tbati spejjez ta' din il-kawza. Huwa kompla li minkejja l-prezunzjoni *iuris tantum* li tarbija li titwieled fiz-zwieg hija l-wild legittimu tar-ragel, sew il-ligi nostrali kif ukoll dik Taljana jaghtu rimedju lil min jixtieq jirregistra minuri li jkun twieled lill-mara mizzewga, imma li mhux l-iben legittimu ta' zewgha.

Illi *inoltre'* eccepixxa li l-**artikolu 244 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta** ma japplikax ghall-minuri in kwistjoni peress li huwa ta' cittadinanza Taljana. *Inoltre'* rrileva li c-certifikat tat-twelid Taljan jinkorpora fih isem il-missier, u ghaldaqstant peress li ghandu l-kunjom **"D"** huwa evidenti li l-minuri huwa registrat bhala iben **"D"**.

Illi dwar dan jinghad li kif gja gie indikat fic-cirkostanzi tal-kaz in kwistjoni l-attur bhala r-ragel tal-konvenuta ma kellux triq ohra skond il-ligi nostrali hlief li jipprezenta l-kawza odjerna. Infatti l-prezunzjoni tal-ligi Maltija skond l-**artikolu 67 tal-Kodici Civili** hija li *"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu."* Tali prezunzjoni tezisti wkoll taht il-ligi Taljana senjatament l-**artikolu 231 tal-Kodici Civili Taljan.**

Illi meta wiehed jirreferi ghall-**artikoli 70 u 73 tal-Kodici Civili** taghna, l-ligi ma taghmel l-ebda referenza ghall-mod kif il-wild ikun gie registrat fl-att tat-twelid tieghu. B'hekk il-kawza ta' denegata paternita' kienet necessarja ghall-attur anki jekk ic-certifikat tat-twelid tal-minuri gie registrat fl-Italja b'mod li jirrispekkja s-sitwazzjoni reali cioe' min hu l-missier bijologiku tieghu.

Illi kwindi l-ewwel u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenut Dr José Herrera *nomine* ghandhom jigu michuda *stante* li l-kawza odjerna ma kinitx wahda intempestiva u frivola kif gie allegat mill-konvenut *nomine*. B'referenza ghat-tieni eccezzjoni tal-istess konvenut *nomine* li l-ligi nostrali kif ukoll dik Taljana jghatu rimedju lil min jixtieq jirregistra minuri li jkun twieled lill-mara mizzewga, imma li ma huwiex l-iben legittimu tar-ragel taghha. Jinghad illi kemm fil-ligi Maltija kif ukoll f'dik Taljana r-rimedju previst huwa proprju dak ta' denegata paternita' *ai termini* ta' l-**artikoli 70 u 280 (1) tal-Kodici Civili u l-artikolu 244 tal-Kodici Civili Taljan.**

Illi l-konvenut Dr. Hose' Herrera *nomine* eccepixxa wkoll l-**artikolu 244 tal-Kap.16** iccitat mill-attur ma japplikax ghall-minuri in kwistjoni, u dan peress li huwa ta' cittadinanza Taljana. Illi dan l-**artikolu 244** jipprovdi :-

*(1) "Kull att ta' twelid, ta' zwieg jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita' kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skond l-**artikolu 270(1) jew (2)**, jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita' ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-Gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

Illi l-**artikolu 244** huwa applikabbli ghall-kaz odjern, biss skond l-istess artikolu jekk tali att ta' twelid jintalab biex

ikun registrat f'Malta ma' jkun hemm l-ebda tibdil fih u jigi registrat fl-istess termini. Fil-kaz in kwistjoni diga' intqal li fil-ligi Taljana tezisti wkoll il-prezunzjoni li zewgt l-omm huwa l-missier naturali tal-minuri. Kif gie rilevat fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur il-minuri **"C"** gie registrat bhala **"D"** biss minhabba li l-omm, cioe' l-konvenuta assenti, ma ddikjaratx meta saret ir-registrazzjoni li hija kienet mizzewga (Dok. "AB 2" a fol 65 tal-process). Din il-Qorti mhiex se tidhol fil-mertu dwar il-*validita' o meno* tal-imsemmi certifikat izda jirrizulta zgur li f'dawn ic-cirkostanzi l-attur biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu kellu necessarjament jipprocedi bil-kawza odjerna fit-termini imposti mill-ligi.

Illi ghaldaqstant jigi deciz li l-proceduri odjerni kienu necessarji li jigu istitwiti mill-attur u konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta assenti u dan kif ipprezentati minn Dr. José Herrera li assuma l-atti tal-kawza tal-konvenuta assenti u bhala kuratur tal-minuri **"C"**, u dan *stante* li l-istess eccezzjonijiet tal-21 ta' Frar 2003 huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu jopponu t-talbiet attrci, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-attur mhux missier naturali tal-minuri **"C"**, iben il-konvenuta **"B"**, liema minuri twieled Ruma l-Italja fil-31 ta' Lulju 2002;

2. Tipprekludi u tipprojbixxi lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku milli jirregistra lill-minuri **"C"** bhala wild l-attur **"A"** f'kull Att ta' Stat Civili illi l-istess konvenuta omm jew il-konvenut minuri jista' jigi mitlub illi jirregistra skond il-Ligi;

L-ispejjez kollha a karigu tal-konvenut Dr José Herrera ghan-nom ta' l-assenti **"B"** u dan *stante* li l-istess Dr. José Herrera assuma l-atti tal-kawza ghan-nom ta' l-istess konvenuta assenti b'nota tat-23 ta' Lulju 2003.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------